**Inno con Canto di Voce Puerile (II)**



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont tajt bidu għal sensiela t'artikli li jitrattaw l-'Inno con Canto di Voce Puerile' tal-1877. Dan hu t-titlu oriġinali tal-'Innu 'l-Madonna tal-Karmnu', jew kif inhu magħruf aħjar mal-partitarji Żrieraq Karmelitani, l-Innu Solenni 'Warda Sbejħa tal-Karmelu'. Kif rajna diġà, l-innu, li oriġinarjament kien iddedikat f'ġieħ il-Papa Piju IX, kellu versi bit-Taljan ta' Ġużè Muscat-Azzopardi (1853-1927), u mużika ta' Mro Emmanuele Bartoli (1853-1933), u hu kompost għall-banda, żewġ vuċijiet maskili, u kor tat-tfal b'żewġ vuċijiet. Fl-artiklu ta' dis-sena se niffukaw l-aktar fuq l-ewwel moviment (*Allegro Brillante*) billi nanalizzaw kif inhu mqassam eżatt, u fl-istess ħin niddeskrivu x'ikun għaddej f'dak li għandu x'jaqsam ma' strumentazzjoni bandistika.

Kliem muftieħ: Innu Tifħir, Innu di Gloria, Innu Kbir, Żurrieq, Innu 'l-Madonna tal-Karmnu, Innu 'Warda Sbejħa tal-Karmelu', Inno a Pio IX, Inno con Canto di Voci Puerile, Mro Emmanuele Bartoli, Ġużè Muscat Azzopardi, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda Karmelitana Banda 'Queen Victoria' (Żurrieq)



Papa Piju IX (1792-1878) li għalih dal-Innu oriġinarjament kien miktub

Qabel nissoktaw bil-ġrajja tagħna ta' dal-innu, nixtieq inkompli nżid ngħid aktar dwar il-Papa Piju IX. Fl-artiklu tas-sena l-oħra konna tkellimna ftit fuq l-isfond storiku li fih seta' nkiteb dal-innu ta' Bartoli f'ġieħ il-Papa Piju IX (1792-1878). Għal dis-sena wkoll, għandi ftit aktar tagħrif għalikom fuq dal-Papa Marjan, did-darba ġej mingħand Dun Joe Calleja, riċerkatur ta' suġġetti storiċi u kittieb, l-aktar b'rabta mal-Imsida; liema raħal marittmu dari kellu l-knisja troglodita (għax imħaffra fil-blat) tal-Immakulata Kunċizzjoni bħala parroċċa. Is-silta li ġejja hi meħuda mill-ktieb tiegħu, 'L-Imsida – il-Bieraħ u Llum', Vol. 1, p 199:

'Dal-Papa mexxa l-Knisja Kattolika għal 32 sena, fi żmenijiet meta s-setgħat tal-Infern qamu b'feroċja kbira kontra l-Knisja ta' Kristu u s-sistemi ta' dawk iż-żmenijiet. Fl-istess żmien, fil-Knisja bdiet tisfija ġdida. Il-Papa kellu jaħrab mill-Vatikan u jeżilja ruħu f'Gaeta minħabba l-attakki tal-Garibaldini fuq Ruma għax Garibaldi u Cavour kellhom l-inkwiet mal-Papa. Kienu żmenijiet meta l-papiet kellhom territorji kbar f'idejhom f'diversi partijiet fl-Italja. Meta deher li kkwitat is-sitwazzjoni l-Papa ħass li kien wasal iż-żmien biex jiddikjara l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna, domma tal-fidi; wegħda li kien għamel fi żmien l-eżilju. Dan seħħ fit-8 ta' Diċembru 1854. L-istess Papa ħatar lil San Ġużepp, patrun universarli tal-Knisja fit-8 ta' Diċembru 1870. Kien huwa wkoll li waqqaf lill-Imsida parroċċa fl-1867[1]. Piju IX miet fis-7 ta' Frar 1878 u bkietu d-dinja kollha'.

Fl-artiklu tas-sena l-oħra konna għedna wkoll li l-versi bit-Taljan tal-'Inno con Canto di Voce Puerile' huma tal-Kavalier Ġużeppi (Ġużè) Muscat-Azzopardi (1853-1927).[2] Hawn taħt qed inġib l-ewwel żewġ strofi li qegħdin fl-ewwel moviment proprju fl-ilsien li fih inkitbu biex nuri kemm hi importanti l-lingwa għall-kompożitur meta jiġi biex jimmużikahom. Jekk nieħdu mqar l-ewwel

[1] Koinċidentalment, Bartoli kiteb l-innu lil Papa Piju Nonu għaxar snin wara, fl-1877.
[2] Koinċidentalment ukoll, missier il-letteratura Maltija kellu jmut 40 sena wara li nkiteb dal-innu.

vers: *Verginelle ai canti angelici*, insibu li hu wieħed endekasillabu, filwaqt li l-ewwel vers ta' Dun Frans Camilleri: *Warda sbejħa tal-Karmelu*, fih biss tmien sillabi. Dan ifisser li wieħed irid joqgħod jillapazza ma' dal-vers bi tliet sillabi neqsin, u jara kif jista' jġebbdu ħalli joqgħod sew f'frażi mużikali ta' bi 11-il nota, li oriġinarjament kienet maħsuba għal biex takkomoda, b'mod naturali, il-vers Taljan. Iżda mhux biss, għax anki l-aċċenti tal-kelma jvarjaw minn lingwa għall-oħra (Eż. 1):

Mill-eżempju t'hawn fuq wieħed malajr jinnota li l-ewwel sillaba tal-kelma 'sbej-ħa' ssarrfet f'waħda melismatika, għall-fatt li għandha tliet noti minn tal-melodija marbutin magħha. L-istess jiġri fit-tieni sillaba tal-kelma 'Kar-me-lu', fejn is-semiminina bil-punt + kroma jridu jitwaħħdu f'minima waħda biex toqgħod tajjeb. L-istess Dun Frans, fil-kelmtejn qabel għall-ktieb tiegħu 'Innijiet' (Lux Press, 1948), jistqarr kemm hu diffiċli biex poeta jimxi mal-mużika meta l-versi tagħha jkunu ġa nkitbu f'xi lingwa oħra, fosthom l-Ingliż jew it-Taljan. Skontu wkoll: 'L-innijiet popolari jridu jkunu sempliċi, kemm fit-tifsir tal-ħsebijiet, kif ukoll fil-għażla tal-kelma, li trid tkun ukoll popolari.' Għal dal-għan, Dun Frans għażel li jmur għall-vers ottonarju meta ġie biex joħloq il-versi tal-innu b'suġġett ġdid, u mhux sempliċi traduzzjoni tal-versi eżistenti.

| L-ewwel Moviment | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Strofa 1 | | | Strofa 2 |
| Vers | | | Vers | |
| 1 | *Verginelle ai canti angelici* | | 5 | *Di pietoso amico zefiro,* |
| 2 | *Alternate i vostri canti;* | | 6 | *Alle penne il don s'affidi,* |
| 3 | *Delle rose più fragranti* | | 7 | *Ei del Tevere sù lidi* |
| 4 | *Dispogliate il patrio suol.* | | 8 | *Deporrà restoso il vol.* |

Analiżi: L-ewwel moviment jieħu minn paġni 4 sa 9, peress li fl-ewwel tlieta nsibu l-frontispizju (jew l-ewwel faċċata tal-partitura), fejn hemm miktub: *Inno / con / Canto di voce Puerile / Musica / di / Emm. Bartoli / 1877*. F'paġna 2 imbagħad: *E. Bartoli / Inno / Partitura Banda*. Fin-nofs tat-tielet paġna ta' manuskritt insibu t-titlu: *Inno*, u *a Pio Nono* mgħottija, u f'riġel l-istess paġna, fin-naħa tax-xellug: *Musica di / Emm. Bartoli / 24 Maggio 1877.*

| Moviment | | Battuti | Temp | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Nru 1 | 00 | 01-20 | *Allegro Brillante* | Introduzzjoni |
| | 01 | 21-35 | | |
| | 02 | 36-52 | | |
| | 03 | 53-64 | | |
| | 04 | 65-74 | *Molto Ritenuto* | Minn b. 67 'il quddiem |
| | | 75-80 | *Mosso Assai* | |

Bħala tonalità, l-ewwel moviment qed in Re*b* Maġġuri; kjavi ferm addattata għall-banda, u għall-kor tat-tfal, peress li l-ambitu mużikali li se jkunu qegħdin idoqqu u jkantaw fih, la se jkunilhom akut ħafna u lanqas baxx iżżejjed. F'dak li hu sinjal ta' miżura mbagħad, insibu temp ordinarju t'erba' semiminimi kull battuta, u li ma neħodhiex bi kbira li jrid jitħabbat daqslikieku kien wieħed taljat, peress li mixjet il-mużika hu wieħed mgħaġġel ħafna (*Allegro Brillante*).

00 b. 01-20: Dal-battuti jikkostitwixxu l-introduzzjoni, li fiha nnifisha tinqasam f'erbgħa + sentenza ta' 16-il battuta. Fl-ewwel żewġ battuti jidħol it-tanbur waħdu b'żewġ rollijiet qawwija

ħafna (*fortissimo*), fejn kull wieħed jerġa' jiftaħ fi krexxend.[3] Fit-tielet u r-raba' battuta jidħlu miegħu l-kurunetti u s-saxhorns Mi*b*, u dlonk warajhom, il-bqija tal-banda, fi stil t'overtura Franċiża, fejn il-kromi bil-punt + semikromi jiddominaw. Is-16-il battuta li jiġu wara huma mqassmin f'żewġ sentenzi ugwali, b'żewġ frażijiet t'erba' battuti kull waħda. It-tieni sentenza timmodula lejn il-La*b* Maġġuri.



Paġna minn tal-partitura li fiha jidhru l-ewwel battuti (l-ewwel movement) tal-Innu a Pio Nono ta' Bartoli miktub fl-1877

01 b. 21-35: It-tieni parti tal-introduzzjoni wkoll fiha 16-il battuti jekk wieħed imexxi n-numru tal-prova nru 2 b'battuta waħda; fil-fatt, il-kor tat-tfal jidħol *in aria* fir-raba' taħbita ta' battuta 36. Hawn għandna sitwazzjoni fejn tmiem dis-sentenza u l-bidu ta' dik li tiġi eżatt warajha qegħdin jirkbu fuq xulxin. Hawn ukoll il-passaġġ jinqasam f'żewġ sentenzi daqsinsew, u b'karattru differenti minn ta' xulxin. Dan għaliex, fl-ewwel waħda (b. 21-28[1]) il-mużika taqa' kwieta (*piano*) f'salt wieħed, u ħlief għall-kurunetti u l-baxxi, li min-naħa tagħhom ikomplu għaddejjin bl-istess nota pedala ritmata, is-sitwazzjoni hi iżjed iddominata mill-istrumenti tal-qasba, fosthom l-obwe u żewġ korni soli – għal ħoss aktar pastorali. L-istrumenti involuti aktar jinteressahom joħolqu tapit t'akkordji permezz ta' noti twal, li jindaqqu lixxi kemm jista' jkun, biex tinżamm l-aħjar omoġeneità possibli.

Fl-ewwel nofs tat-tieni sentenza mbagħad (b. 28[2]-33), nassistu għal krexxend pjuttost twil, mifrux fuq sitt battuti sħaħ, li jibda minn bil-mod ħafna (*pianissimo*), u li kulma jmur iżid f'qawwietu, u li jinvolvu l-aktar 'il-istrumenti tar-ram, fosthom il-kurunetti, is-saxhorns Mi*b*, żewġ fagotti fl-unisonu, u l-althorns. Magħhom jingħaqad ukoll it-tanbur bl-istess ritmu fanfarresk. Fl-aħħar nofs ta' dis-sentenza (b. 34- 36[3]) tingħaqad magħhom il-kumplament tal-banda, u li għalenija jagħlqu l-introduzzjoni fl-istess tonalità li tkun bdiet fiha.

02 b. 36-52: F'dal-passaġġ ta' 16-il battuta oħra naraw il-kor tat-tfal jidħol ikanta għall-ewwel darba; liema passaġġ u maqsum f'żewġ sentenzi, bit-tnejn jibdew *in aria*. U għad li l-kor hu *a due voci*, peress li l-ilħna huma mniżżlin fuq żewġ pentagrammi separati, hu biss lejn l-aħħar ta' kull frażi li jkantaw noti differenti. Il-kor hu msieħeb bl-istess melodija mill-flawt Mi*b* u l-klarinetti primi fl-unisonu, peress li leħen smewwi tat-tfal jinstema' ottava ogħla, u l-kurunetti ottava taħthom, b'kulħadd idoqq bil-mod (*piano*) biex ma jitfuhx. Il-bqija tal-banda, tneħħi lit-trumbuni, xogħolhom hu li joħolqu ritmu ħafif u stakkat għal dil-arja ħelwa. Iżda dan kollu jgħodd biss għall-ewwel sentenza, għax fit-tieni waħda, is-sitwazzjoni tinbidel f'waħda pjuttost aġitata bl-użu ta' volumi differenti, li jalternaw bejniethom, u bil-ħjata mużikali ssir aktar omofonika minn qatt qabel, speċjalment fl-ewwel żewġ battuti ta' kull frażi (eż. 2):

Ez. 2




03 b.53-64: L-ewwel żewġ battuti huma biss ħolqa li tgħaqqad iż-żewġ passaġġi flimkien, u li fiha nsibu zewġ akkordji f'mera, imma bl-istess ritmu, u li għandhom mir-rwol t'interjezzjoni. Fis-

[3] Fil-bidu tas-seklu 20, Mro Gregorio Lucia, l-ewwel surmast barrani għas-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette', ukoll kien daħħal d-drawwa li marċ fit-triq jibda dejjem bid-daqq ta' roll simili biex tinġibed l-attenzjoni tal-bandisti li jkunu waqfu għal pawsa ta' ftit mistrieħ

sentenza li tiġi eżatt wara (b. 55-62), jerga' jidħol il-kor tat-tfal b'żewġ vuċijiet, did-darba jkanta bil-mod ħafna (*pianissimo*), u billi jimxi mal-akkordji li minnhom jintagħmel il-marċ tal-kwinti, speċjalment fl-ewwel frażi. Il-kor hu aktarx akkumpanjat mill-korni u l-fagotti, li bejniethom jinstemgħu sbieħ ħafna u uniti, u kontromelodija min-naħa tal-flawt u l-primi klarinetti. Dis-sentenza hi estiża b'ħames battuti oħra, u li fihom il-mużika tibda tielgħa fi krexxend, u bil-kor tat-tfal issa jkanta skala kważi dijatonika fl-unisonu. Wieħed jinnota iżda, li n-numru tal-prova nru 4 jaqa' proprju fin-nofs ta' dal-krexxend u skala tielgħa, u kien ikun aħjar jekk dan jersaq għall-battuta 68, fejn il-mużika tirsolvi għall-korda tonika tar-Re*b* Maġġuri.

Ez. 3




04 b. 65-74 + b. 75-80: U biex inżommu man-numri tal-provi li tana l-kompożitur, dal-aħħar passaġġ allura jiġi jibda mill-aħħar tliet battuti li bihom spiċċa dak ta' qablu. Madankollu, aħna se nikkonċentraw biss fuq b. 68-74, fejn għandna sentenza oħra ta' tmien battuti, li proprjament tibda *in aria* mill-battuta ta' qabilha, u tispiċċa fl-ewwel taħbita ta' b. 75. Fiha, it-temp inaqqas sew minn ġirjietu (*Molto Ritenuto*), bil-banda sħiħa ddoqq bil-qawwi ħafna (*fortissimo*), u bil-kor tat-tfal jipprova jlaħħaq magħha. U bħal ma jiġri dejjem, kważi f'tarf dis-sentenza nsibu kuruna twila biex iżżomm l-akkordju tat-trediċeżima dominanti fl-arja, qabel mal-koda għaġġelija tal-aħħar (*Mosso Assai*) iġġib dal-ewwel moviment fi tmiemu.

Jissokta fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żrieraq Karmelitani fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmelu li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'raħalha.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)